MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Numru 52/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND CASSAR**

**VS**

**CLIVE MICALLEF**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Clive Micallef ta’ 21 sena, iben Francis u Rita nee’ Pace, imwieled tal-Pieta nhar is-6 ta’ Mejju, 1983, u joqghod 168, Triq Villambrosa, Hamrun, ID NRU: 250083 (M);

Akkuzat talli fit-22 ta’ Dicembru, 2004 u l-15 ta’ Jannar, 2005, f’dawn il-Gzejjer, xjentement xtara u/jew laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati

b’reat sew, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun indahal f’dawn il-Gzejjer biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti huma gejjin minn serq ikkalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa li ma jeccedix l-elf lira Maltin u dan bi ksru tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli sar recediv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50, u 289 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D, nhar l-20 ta’ Jannar, 2004, li hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirksotanzi, kiser il-kundizzjonijiet li gew imposti fuqu f’sentenza moghtijia mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D. nhar l-20 ta’ Jannar, 2004.

Wara li semghet l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti tatu zmien jikkonsidra d-dikjarazzjoni tieghu skond il-Ligi;

Wara li rat id-dokumenti ezebiti u l-fedina penali kwazi netta tal-imputat;

Rat l-Artikoli 334, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti, u tordna li jitqieghed that ordni ta’ *Probation* ghall-perjodu ta’ sentejn (2) *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

*Inoltre* tordna li *ai termini* tal-Artikolu 28B (2)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-ordni originali moghti fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati nhar l-20 ta’ Jannar, 2004, fejn l-imputat inghata piena karcerarja ta’ sentejn (2) sospiza ghal tlitt (3) snin u maghmula bis-sahha tal-Artikolu 28A (1), minflok il-perjodu operattiv hemm indikat ta’ tlitt (3)

snin, dan jigi estiz effettivament ghal erba' (4) snin mil-lum, u dan ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------